

## V

(Avviżi)

## PROĊEDURI AMMINISTRATIVI

## L-AĠENZIJA EWROPEA GĦALL-MEDIĊINI

## REKLUTAĠĠ GĦALL-AĠENZIJA EWROPEA GĦALL-MEDIĊINI (LONDRA)

(2009/C 132 A/01)

L-Aġenzija hija responsabbli għall-koordinazzjoni tal-valutazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem u veterinarju fl-Unjoni Ewropea (ara r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill — ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1). L-EMEA ġiet imwaqqfa f'Jannar tal-1995. Hija għanda ħafna kuntatti mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea, is-27 Stat Membru tal-UE, il-pajjiżi taż-ŻEE/EFTA u ħafna gruppi oħra fis-settur pubbliku u privat.

Aktar informazzjoni dwar l-EMEA u l-attivitajiet tagħha hija disponibbli permezz tal-Internet; l-indirizz tal-website tagħna huwa <http://www.emea.europa.eu/>

L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini qed torganizza proċeduri ta' selezzjoni bl-għan li titfassal lista ta' riserva għal:

- EMEA/AD/290: Amministratur fis-Settur għall-Infurmazzjoni Medika, Unità għall-Valutazzjoni ta' wara l-awtorizzazzjoni ta' mediċini għall-użu tal-bniedem (AD 6)
- EMEA/AD/291: Amministratur fis-Settur għall-Infurmazzjoni Medika, Unità għall-Valutazzjoni ta' wara l-awtorizzazzjoni ta' mediċini għall-użu tal-bniedem (AD 5)

Kandidati magħżula jitniżżlu fuq lista ta' riżerva u, skont is-sitwazzjoni finanzjarja, jista' jiġi offert lilhom kuntratt bħala Aġent Temporanju ta' ħames snin, li jista' jiġġedded, konformi mal-Kondizzjonijiet tal-Impjeg ta' Impjegati Oħra tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 56, 4.3. 1968).

Il-post tal-impjeg ikun Londra.

Il-kandidati għandhom ikunu ċittadini ta' Stat Membru tal-Komunitajiet Ewropej jew tal-Iżlanda jew tan-Norveġja jew tal-Liechtenstein, u jgawdu mid-drittijiet kollha bħala ċittadini.

**Il-kundizzjonijiet kollha u d-deskrizzjoni tal-impjeg għandhom jitniżżlu mill-website tal-EMEA: <http://www.emea.europa.eu/htms/general/admin/recruit/recruitnew.htm>**

**L-applikazzjonijiet iridu jsiru b'mod elettroniku permezz tal-formola disponibbli fuq il-website tal-EMEA. Applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu sa mhux iktar tard minn nofsillejl tal-24 ta' Lulju 2009.**

**Jekk jogħġbok żomm f'moħħok illi minħabba fin-numru kbir ta' applikazzjonijiet li tirċievi l-EMEA, meta jasal iż-żmien tal-għeluq għall-applikazzjonijiet, is-sistema jista' jinqalalha problemi biex tiproċessa ammonti kbar ta' data. Għaldaqstant, huwa rakkomandabbli li min japplika jibgħat l-applikazzjoni tiegħu ferm aktar qabel mid-data perentorja**

Jekk tixtieq tirċievi notifika ta' pubblikazzjonijiet ta' postijiet battala b'mod elettroniku, jekk jogħġbok irreġistra online fuq <http://www.emea.europa.eu/> taħt "Online Mailing Service"